MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 710/2001/1

**Il-Perit Anthony sive Ninu Zammit**

**vs**

**Frans Ghirxi bhala editur tal-gurnal L-Orizzont**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fil-harga tal-gurnal l-Orizzont ta' nhar il-Hamis 19 ta' April 2001, f'avviz f'pagna 27 intitolat 'Il-Hbieb tal-Hbieb' gew attribwiti fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur, li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u ghar-redikolu u li jaggravaw l-integrita' u r-reputazzjoni tieghu.

Illi l-konvenut huwa l-editur tal-gurnal li fih gie ppubblikat dan l-avviz.

Illi l-attur, bhala parti malfamata u danneggjata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid, ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

tiddikjara u tiddeciedi illi l -pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira maltin (Lm5000) bhala danni b'applikazzjoni tal-artikolu 28 ta' Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

In-nulita' tal-Avviz ghas-Smiegh tal-kawza billi l-eccipjent ma tharrikx nomine.

Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhux libelluza fil-konfront tal-attur.

Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti fi kritika politika, kummenti u l-espressjoni tal-opinjoni tal-eccipjent dwar materja ta' interss pubbliku, permessibbli f'socjeta demokratika kemm taht il-ligijiet tal-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fonadamentali u d-Drittijeit tal-Bniedem. Il-Press Act jitkellem dwar l-importanza tar-rwol tal-media f'socjeta demokratika - espressis verbis.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li mhux qed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat l-affidavit tal-attur.

Semghet lix-xhud prodott mill-attur u lix-xhud prodott mill-konvenut.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut.

Rat li din il-kawza tmexxiet kontestwalment ma kawza ohra u cioe c-citazzjoni numru 707/01 fl-ismijiet "Avukat Louis Galea vs Frans Ghirxi nomine."

Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawza numru 707/01 fl-ismijiet "Avukat Louis Galea vs Frans Ghirxi nomine"

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Kif gia gie rilevat din il-kawza tmexxiet kontestwalment ma kawza ohra u cioe' c-citazzjoni numru 707/01, fl-ismijiet "Avukat Louis Galea vs Frans Ghirxi nomine." In effett il-mertu tal-presenti kawza hu identiku ghal-mertu tal-imsemmija kawza l-ohra. L-atturi fiz-zewg kawzi, cioe' kemm l-attur fil-presenti citazzjoni kif ukoll l-attur fl-imsemmija kawza l-ohra li nstemghet kontestwalment, fiz-zmien tal-presentata tac-citazzjonijiet relattivi kienu membri parlamentari ghal Partit Nazzjonalista u

precedentement it-tnejn kienu jokkupaw l-kariga ta' ministru fi gvernijiet immexxija mill-istess Partit Nazzjonalista. L-imsemmija zewg kawzi jittrattaw dwar l-istess avviz, li deher fil-harga tal-gurnal "L-Orrizzont" tad-19 ta' April 2001. Inoltre jirrizulta li l-editur tal-imsemmi gurnal fl-imsemmija data kien il-konvenut, li hu ukoll il-konvenut fl-imsemmija kawza l-ohra. Ghalhekk ix-xhieda li nstemghu u l-provi kollha li saru f'kawza wahda japplikaw ghal-kawza l-ohra u vice versa. L-imsemmija kawza l-ohra giet ukoll deciza illum u kwindi qed issir referenza specifika ghas-sentenza li nghatat illum stess fil-kawza citazzjoni numru 707/01 fl-ismijiet "Avukat Louis Galea vs Frans Ghirxi nomine." Il-konsiderazzjonijiet u l-kostatazzjonijiet kollha li saru fl-imsemmija sentenza l-ohra huma ukoll applikabbli ghal-presenti sentenza.

Fil-presenti citazzjoni l-attur jghamel referenza ghall-imsemmi avviz, li kif gia gie rilevat deher fil-harga tal-gurnal "l-Orizzont" tad-19 ta' April 2001, f'pagna 27, u liema avviz hu ntitolat b'ittri kbar 'Il-Hbieb tal-Hbieb.' L-attur isostni li bl-imsemmi avviz gew attribwiti lilu fatti floz u malfamanti. L-attur isostni ukoll li dawn il-fatti attribwiti lilu jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u li inoltre jaggravaw l-integrita' u r-reputazzjoni tieghu. L-attur jirritjeni li, bhala l-parti malfamata u danneggjata, hu ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq dawn il-premessi l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-imsemmija pubblikazzjoni hi libelluza u malfamanti fil-konfront tieghu u li l-istess pubblikazzjoni tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku. Qed jitlob ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas dik is-somma li tigi ffissata mill-Qorti u li m'ghandiex teccedi il-hamest elef lira maltin (Lm5000) bhala danni u dana bl-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, l-istess attur jispecifika li l-avviz in kwestjoni jinkludi ritratt tieghu kif ukoll ritratt iehor ta' persuna li giet misjuba hatja mill-qorti kompetenti ta' akkuzi konnessi mat-traffikar ta' droga. L-attur jkompli jissottometti, fl-istess dikjarazzjoni tieghu, li l-

avviz in kwestjoni jghati l-mpressjoni, falza u malizzjuza, li huwa, cioe' l-attur, huwa b'xi mod konness ma' traffikanti ta' droga.

L-attur jichad kull konnessjoni ma traffikar tad-droga u kull konnessjoni mal-imsemmija persuni l-ohra, li r-ritratt taghhom jidher fl-istess avviz kif ukoll kull konnessjoni ma persuni ohra li setghu b'xi mod kienu involuti fl-istess avviz. L-attur finalment iddikjara li dan l-avviz m'hu xejn hlief tentattiv iehor intiz biex jattakka l-integrita tieghu.

Da parti tieghu l-konvenut fl-ewwel lok jeccepixxi li l-Avviz ghas-Smiegh tal-kawza hu null billi fl-istess Avviz huwa ma giex imharrek "nomine." Mill-imsemmi verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2001 jirrizulta li l-konvenut iddikjara li mhux qed jinsisti fuq din l-ewwel eccezzjoni tieghu u kwindi l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta din l-ewwel eccezzjoni. Inoltre l-konvenut qed jeccepixxi li l-pubblikazzjoni in kwestjoni mhux libelluza fil-konfront tal-attur u li l-istess pubblikazzjoni tammonta ghal kritika politika u ghal kumment politiku, permissibbli f'socjeta demokratika. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut ikompli jissottometti li d-djarju (ta' certu Ciro del Negro), li pagna tieghu hi raffigurata fl-istess avviz in kwestjoni, kien gie investigat u moghti kredibilta' mill-Pulizija u mill-fatti li graw kemm qabel, kif ukoll wara li sar maghruf il-kontenut ta' l-istess djarju. Skond il-konvenut dan id-djarju hu materja ta' interss pubbliku u l-istess djarju akkwista mportanza u alttwalita' minnhabba kazijiet li kienu fl-ahbarijiet.

F'dwn il-proceduri giet prodotta kopja tal-avviz in kwestjoni. In effett jista jinghad li l-istess avviz nghata prominenza billi hu "full-page" cioe' jokkupa pagna shiha tal-imsemmi gurnal. L-avviz hu intitolat b'ittri kbar "Il-hbieb tal-hbieb" u fih hemm riprodotta pagna ta' djarju, li l-istess avviz jindika li hu d-djarju ta' certu Ciro del Negro. Fuq l-imsemmija pagna tad-djarju in kwestjoni hemm diversi entrati u referenzi. Inoltre l-avviz jinkludi ritratt ta' persuna li kienet giet misjuba hatja mill-qorti kompetenti ta' traffikar ta' droga, ritratt tal-attur, ritratt tal-attur fl-imsemmija

kawza l-ohra “Avukat Louis Galea vs Frans Ghirxi nomine” (citazzjoni numru 707/01) u ritratt ta’ persuna ohra. Kull wiehed minn dawn l-erbgha ritratti huma kollegati permezz ta’ vlegga ghal xi entrata jew referenza fl-imsemmija pagna tad-djarju.

Kif gia rilevat l-avviz jindika li d-djarju, li pagna tieghu hi riprodotta fl-istess avviz, hu d-djarju ta certu “Ciro del Negro” u jindika ukoll li l-informazzjoni li trid titwassal lill-qarrejja tal-gurnal tramite l-istess avviz hi a bazi u skond dak li hemm miktub fl-istess djarju.

Minn esami tal-avviz in kwestjoni mill-ewwel hu evidenti li l-awtur tal-avviz ried li tinghata l-impressjoni lill-qarrejja li hemm konnessjoni bejn il-persuni li huma raffigurati, permezz tar-ritratt taghhom, fl-istess avviz. Hu evidenti ukoll li kull minn jara l-avviz in kwestjoni jikkonkludi li hemm rabta bejn l-istess persuni.

F’dan l-istadju jista jigi rilevat li in effett avviz bhal dak in kwestjoni jista jkun ferm aktar effettiv minn kliem. L-avviz hu aktar effettiv minn kliem jew ahjar artikolu, li jittratta dwar l-istess suggett. L-awtur tal-avviz jghamel uzu minn riproduzzjoni ta’ pagna ta’ djarju, li ftit taz-zmien qabel il-pubblikazzjoni tal-istess avviz, kien jissemma ta’ spiss fl-ahbarijiet u jghamel uzu minn ritratti biex jittrasmetti l-idea li hemm konnessjoni bejn l-istess persuni, li r-ritratt taghhom hu inkluz fl-avviz u dak li hemm miktub fl-istess djarju. Bla dubbju l-avviz hu intiz li jwassal messagg permezz tar-ritratti, permezz ta’ dak li hemm miktub fil-pagna tad-djarju raffigurata u permezz ta’ indikazzjonijiet ohra kontenuti fl-istess avviz.

Ghandu jigi rilevat li persuna li r-ritratt taghha jidher fl-avviz, ftit zmien qabel il-pubblikazzjoni tal-istess avviz, kienet giet misjuba hatja, mill-qorti kompetenti, ta’ traffikar ta’ droga. Ovvjament dan il-fatt kien inghata pubblicita’ fil-media kollha u ghalhekk l-istess fatt kien ghadu frisk fil-mohh tal-qarrejja tal-gurnal in kwestjoni. Dan il-fatt mehud flimkien mat-titolu tal-avviz igieghel lil-qarrej jassocja lill-

attur mat-traffikar tad-droga u jgieghlu jifhem li hemm konnessjoni bejn l-attur u l-stess persuna misjuba hatja ta traffikar, kif ukoll konnessjoni bejn l-attur u l-kittieb tad-djarju, liema kittieb jissemma b'ismu fl-avviz u l-kontenut tal-istess djarju. L-avviz jittrasmetti lill-qarrejja l-imperssjoni li l-attur kien jaf sewwa lill-persuni l-oihra raffigurati fl-istess avviz inkluz il-persuna misjuba hatja ta' traffikar ta' droga.

Jidher ukoll li d-djarju in kwestjoni nstab mill-pulizija fi tfittxija fir-residenza ta l-imsemmi Ciro del Negro. Jidher ukoll li xi pagni mill-istess djarju gew esibiti fil-process kriminali li wassal ghal-kundanna tal-imsemmija persuna akkuzata bi traffikar ta' droga. Jidher ukoll li l-imsemmi Ciro del Negro ma giex prodott biex jixhed f'dawn il-proceduri kriminali stante li x'aktarx li l-istess del Negro kien telaq minn Malta. Dawn il-fatti kollha nghataw pubblicita' u dana ftit taz-zmien qabel ma gie pubblikat l-avviz.

Ghahekk hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li bl-avviz in kwestjoni l-attur gie implikat fit-traffikar tad-droga u gie identifikat li hu konness ma atti kriminali li huma partkolarment mistmerra mill-pubbliku in generali. Jirrizulta li bl-istess avviz gew attribwiti lill-attur fatti foloz u malfamanti u li jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku u li jattakaw b'mod gravi u serju l-integrita' u r-reputazzjoni tal-istess attur. Konsegwentement it-talbiet tal-attur jirrizultaw sufficjentement puvati u kwindi ghandhom jigu akkolti.

Kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut jigi rilevat li hu minnu li r-rwol tal-istampa hu importanti f'socjeta demokratika. Hu importanti ukoll, pero', li r-reputazzjoni tal-attur, anki jekk hu politiku u ghalhekk aktar espost ghal kummenti u kritika, tigi salvagwardata b'mod partikolari meta jirrizulta li l-fatti attribwiti lill-attur bl-ebda mod ma jirrizultaw pruvati.

L-avviz in kwestjoni ma jista qatt jitqies li hu semplicement kritika politika jew li jesprimi biss l-opinjoni tal-eccipjent. Di

piu' l-avviz hu kollu bbazat fuq fatti li ma gewx pruvati u ghalhekk fatti li ghandhom jigu ritenuti bhala inveritjeri. Fl-opinjoni tal-Qorti il-pubblikazzjoni ta' avviz bhal dak in kwestjoni ma jista qatt ikun permessibbli f'socjeta demokratika u dana peress li jattakka frontalment u minnghajr bazi r-reputazzjoni tal-attur. Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti.

F'kawzi bhal presenti, u cioe' f'kawzi ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt, f'socjeta demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika. Dan gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna. (Ara Vincent Borg vs Victor Camilleri – Qorti tal-Appell Civili – 15 ta' Novembru 1994). Kullhadd ghandu jkollu l-liberta' li jghid dak li jhoss li ghndu jghid, pero' tali liberta' ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta' cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti li mhux veri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta' tal-espressjoni taqbez il-konfini ta dak li hu ragjonevoli u minflok issir ksur tad-drittijet ta' haddiehor appuntu fejn l-espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Ara Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim'Awla – 19 ta' Jannar 1966);

Hemm distinzjoni bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "kumment". Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita' tal-fatti, l-fatt ghandu jigi pruvat. Meta issir difiza dwar kumment gust ghandha ssir il-prova li dak il-kumment hu appuntu gust u mghamul in bona fede. Tali kumment ma jista qatt jkun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri;

In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement li l-avviz in kwestjoni hu libelluz u malfamanti fil-konfront tal-attur. Kif gia rilevat l-istess avviz ma jista qatt jitqies li hu kumment gust u mghamul in bona fede u dana ghar-ragunijiet gia indikati. Ghall-istess ragunijiet lanqas ma jista jinghad li l-avviz in kwestjoni hu espressjoni ta' opinjoni dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku.

Inoltre l-attur hu politiku u kien jokkupa karigi pubblici u l-insinwazzjonijiet u l-allegazzjoni li saru permezz tal-avviz setghu ddanneggiaw b'mod irriparabbli u b'mod dterminanti r-reputazzjoni tal-attur. In effett ma tirrizulta ebda konnessjoni bejn l-attur u l-persuna misjuba hatja ta traffikar ta' droga u lanqas ma tirrizulta konnessjoni bejn l-istess attur u l-imsemmi Ciro del Negro. Lanqas ma jirrizulta li l-attur qatt gie implikat b'xi mod jew konness mat-traffikar tad-droga. Inoltre l-attur cahad li qatt kellu konnessjonijiet mal-imsemmija persuni jew mal-fatti attribwiti lilu bl-istess avviz.

Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-avviz in kwestjoni jattakka b'mod gravissimu r-reputazzjoni tal-attur u l-konsegwenzi tal-avviz setghu ukoll kienu gravissimi u ghalhekk il-kumpens li ghandu jigi lilkwidat favur l-attur ghandu jkun vicin tal-massimu li tippermetti l-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha u in vista tar-rizultanzi, l-ammont tad-danni, pagabbli lill-attur skond id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati ghandu jigi likwidat fis-somma ta' ghaxart elef u hames mitt elf euro (€10500).

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddkjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni tal-avviz in kwestjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta ghaxart elef u hames mitt euro (€10500) bhala danni likwidati u dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 ta' Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------